HAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 12 IL-ĦAMIS 07 TA' FRAR 2013**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar il-Ħamis 07 ta' Frar 2013 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Tmien Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Margaret Mercieca, Jerome Caruana Cilia, Charles Farrugia, Antoine Saliba u Sean Meli.

Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina, u l-Kunsilliera Jason Busuttil u Robert Cremona kienu skużati.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**12/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 11**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 11 li nżammet nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar 2013, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa' Kunsilliera (08) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 11 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**12/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**12/02/01** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li irċevejna korrispondenza minn Transport Malta fejn infurmawna li l-pelican lights fi Triq Luqa u fi Triq il-Ħammieri

għandhom isiru fil-ġimgħat li ġejjin. Fir-rigward ta' Triq il-Mitħna dawn il-pelican lights mhumiex ser isiru minħabba li fil-post approvat hemm xi garaxxijiet u għaldaqstant il-Kunsill ressaq talba biex dawn isiru aktar 'l isfel fl-istess triq fil-viċinanzi ta' Triq Belt Valletta.

**12/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat li l-Kunsill li ġew ippubblikati l-offerti mill-ġdid tal-Heritage Trail kif ġe deċiz fil-laqgħa preċedenti, liema offerti jagħlqu fl-1 ta' Marzu 2013.

**12/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li ser issir laqgħa il-Ġimgħa 15 ta' Frar dwar it-*traffic management* tal-proġett tal-*Flooding Relief*, fejn il-kunsilliera ġew mistiedna li jattendu.

**12/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li ġiet avviċinata mill-Ghaqda Qawmien fejn talbu l-koperazzjoni tal-Kunsill billi tintefa' applikazzjoni mill-Kunsill taħt il-programm Europe for Citizens sabiex ikun hemm skambji mal-komunita' ta' Feyzin. Il-Kunsill approva nem.con.

**12/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li fuq osservazzjoni tal-Kunsillier Charles Farrugia, hemm bzonn li tinħareġ sejħa għall-offerti biex jinxtara madum tal-lava halli ssir manuzenzjoni tal-bankina fi Triq il-Kbira. Il-Kunsill approva nem.con.

**12/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara li l-Kunsill ingħata Eur4,000 taħt l-iskema ghar-Restawr ta' Postijiet Zgħar, il-Kunsill ħareg l-offerta ghar-restawr tal-istatwa ta' San Guzepp, liema offerta taghlaq fil-1 ta' Marzu 2013.

**12/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Kumitat tal-Finanzi għandu jiltaqa' fit-13 ta' Frar 2013 sabiex jiddiskuti l-Estimi Annwali 2013 kif ukoll r-Rapport Finanzjarju ghas-sena 2013. Għandha ssir laqgħa tal-Kunsill fid-19 ta' Frar 2013 sabiex jiġi approvat ir-Rapport Finanzjarju ghas-sena 2013 sabiex ikun jista' jibda l-awditjar.

**12/03** **PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' JANNAR 2013**

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Jannar 2013, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Jannar 2013
**b)** *Bank Payments* Jannar 2013.
**c)** *Petty Cash* Jannar 2013.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Sebgħa** Kunsilliera (07) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm (1) Astensjoni waħda.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Sean Meli li l-astensjoni tieghu kienet relatata ma' pagament nru 1326.**

## 12/04 MOZZJONIJIET

## 12/04/01 MOZZJONI NRU 57/2013(VI)

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressaq il-mozzjoni Nru 57/2013 (VI).

"Nipproponi biex il-Kunsill Lokali jagħmel *Reading and Learning Zone* mad-dawra tal-*book box* li ser tiġi installata fi Gnien Federico Maempel. Din iz-zona tkun attrezzata ghat-tfal permezz ta' *soft flooring* u *outdoor furniture* baziku.

B'dan il-progett innovattiv ghal pajjizna, il-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi jghin fil-glieda kontra l-illitterizmu filwaqt li jippromwovi l-qari billi noholqu ambjent li jħajjar il-passatemp tal-qari f'zona pubblika rikreattiva

Din *ir-reading and Learning zone* tkun tista' wkoll tiġi wzata mill-ghalliema tal-iskola primarja ghal sessjonijiet ta' *story telling* kif ukoll bħala post alternattiv għat-tagħlim fi granet xemxin hekk kif ha tkun tinkludi siggijiet..

Nipproponi li dan il-proġett ikun parti mill-proġett tar-rinnovar tal-bandli taħt l-iskema tal-UIF

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** ssekonda din il-mozzjoni bl-addenda msemmija hawn fuq.

**Ivvutaw Favur Tmien (08) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 57/2012 (VI) kif emendata.**

**12/04/02 MOZZJONI NRU 58/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni Nru 58/2012(VI)

"Nipproponi biex il-Kunsill Lokali jappella mid-deċizjoni tal-MEPA dwar il-ħruġ ta' permess għall-applikazzjoni 1455/12 għar-raġunijiet msemmija fl-ittra mehmuza.

Għaldaqstant, peress li l-Kunsill għandu jipproteġi l-interessi tal-lokalita', f'dan il-kaz is-settur kummercjali, il-Kunsill ghandu jsostni li huwa necessarju li jsir Retail Impact Assessement qabel isir proġett ta' din il-kwalita', ħalli naraw l-impatt li jista' jħalli dan il-proġett fuq dan is-settur fil-komunita taghna.

Barraminnhekk, il-Kunsill għandu wkoll l-obbligu li jara li kull progett li jsir fil-lokalita' ma jhallix effetti negattivi fuq it-traffiku u sitwazzjoni tal-parkegg fil-lokalita'.

Fid-dawl ta' dan, qed nipproponi li l-Kunsill jappella minn din id-decizjoni.

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda din il-mozzjoni

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** fetħet id-diskussjoni dwar din il-mozzjoni billi spjegat li dan l-appell qed isir peress li fl-opinjoni teknika tal-perit **(DOK B)** tal-Kunsill, u anke minn dak li semgħet hi stess waqt is-seduta tad-DCC, hemm raġunijiet validi għaliex dan il-permess ma kellux joħroġ. Sostniet li bħala Sindku tħossha fid-dover li tara li proġetti ta' din ix-xorta ma jħallux impatti negattivi fuq il-lokalita'. Fost dawn l-impatti hemm dak tat-traffiku u tal-parkeġġ fejn l-applikant ma tax garanziji neċessarji li dawn ser ikunu salvagwardjati. Is-Sindku semmiet ukoll li ghal dan il-proġett ma sarx Retail Impact Assessment izda intuza dak li kien sar bosta snin ilu għal Supermarket ieħor fil-viċinanzi. Finalment is-Sindku ikkonkludiet li tħoss li tkun qed tonqos lejn il-lokalita' jekk ma tagħmilx dak li jippermettilha l-liġi biex twaqqaf proġett li skont pariri teknici ser iħalli impatti negattivi fuq il-lokalita' kif semmiet qabel.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** semma li huwa jħoss li dan l-appell ser isir għall-motivazzjonijiet politiċi. Huwa kompla li għalkemm huwa jista' jifhem li hemm xi preokkupazzjonijiet min-naħa tal-Kunsilll, huwa jippreferi li l-flejjes li ser jintefqu fuq dan l-appell jintnefqu fuq affarijiet aktar importanti. Il-Kunsillier kompla li dan huwa kaz fejn diga' hemm bini mibni, u mhux qed nitkellmu fejn ser isir zvilupp gdid li jista' jkollu effetti drastici, u għaldaqstant jippreferi li l-Eur1600 li ser jintnefqu fuq dan l-appell, minflok jintnefqu ghall-studju dwar il-komunita' kummercjali fil-lokalita għaliex b'hekk ikun jista' aktar ġid lill-komunita.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** qal li jidher li hemm raġunijiet bizzejjed biex il-Kunsill jappella partikolarment ghall-fatt li minn mindu sar l-Impact Traffic Assessment zdied il-Park And Ride tal-Arriva li kellu jbiddel ix-xenarju kollu ta' kif dan il-proġett iħalli effett fuq it-traffiku. Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi kompla li huwa jħossu aktar trankwill jekk isiru l-istudji tar-Retail Impact Assessment u t-Traffic Impact Assessment, fix-xenarji prezenti u huwa għalhekk li jaqbel li jsir l-appell biex il-permess jiġi rifjutat u l-applikant jkun jista' jagħmel dawn l-istudji għall-permess mill-ġdid.

**Ivvutaw Favur (05) Kunsilliera (Rosianne Cutajar, Bjorn Azzopardi, Charles Farrugia, Antoine Saliba Haig, Sean Meli)**. Ħadd (0) ma vvota kontra u **Tliet (03) Astensjonijiet (Ralph Puli, Margaret Mercieca, Jerome Caruana Cilia**).

**Il-Kunsill approva din il-Mozzjoni 58/2012 (VI).**

**12/05 RAPPORTI**

**12/05/01 ABBOZZ TAL-OFFERTA TAS-SERVIZZ TA' TINDIF TAT-TOROQ**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat**ipprezenta l-abbozz tal-offerta fejn spjega li din l-offerta qed tohorg ghal zewg zoni fejn izda kuntrattur ma jistax jirbah iz-zewg zoni li huma flimkien. Is-Segretarju Ezekuttiv kompla li l-offerta tinkludi s-servizz ta' tindif ta' culverts, kif ukoll gbir ta' annimali mejta, tindif waqt l-attivitajiet tal-Kunsill fejn is-soltu dawn is-servizzi kienu jinghataw *extra*.

**DOK C**

Il-Kunsill approva unanimament dan l-abbozz sabiex is-Segretarju Ezekuttiv jista' jippubblika l-offerta.

**11/05/02 KONKORS TA' DISINN: – MONUMENT TAL-ISPORTS**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ressaq l-unika disinn li gie sottomess sad-data tal-gheluq.

**DOK D**

Is-sejħa dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tat-21 ta' Dicembru 2012, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 19 ta' Dicembru, liema sejħa għalqet nhar il-Gimgħa, 25 ta' Jannar 2013 fl-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fil-25 ta' Jannar 2013, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tal-Kunsilliera Antoine Saliba Haig u tal-Kunsillier Charles Farrugia.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva (1) offerta waħda biss;

1. Kyle Grech

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** ressaq mozzjoni il-Kunsill japprova id-disinn fil-principju fejn ghandu jigi ipperfezzjonat izda intant jista' jintuza halli l-Kunsill ikun jista' japplika MEPA sabiex dan il-monument jkun jista' jitwaqqaf.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** issekondat l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien (08) Kunsilliera**. Ħadd (0) ivvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva din il-Mozzjoni. Il-Kunsill għandu jqabbad lill-perit tal-Kunsill sabiex issir l-applikazzjoni lill-MEPA wara li jigi iddentifikat il-post ta' fejn ser isir dan il-monument.**

**12/05/03 KUNTRATT MAL-GHAQDIET TAN-NAR**

Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat spjega li l-kuntratt mal-ghaqdiet tan-nar ghalaq fl-ahhar tas-sena 2012 u ghaldaqstant qed iressqu quddiem il-Kunsill ghall-perjodu li jmiss. **DOK E**

Il-Kunsillier Sean Meli saqsa dwar jekk ir-rekweziti li hemm fil-kuntratt humiex jigu segwiti mill-kmamar tan-nar.

Gie spjegat li f'dak li jirrigwardja sparar tal-murtaletti f'Jum Hal Qormi, il-Kunsill ma jaqbillux li dan isir peress li l-Kunsill ikollu bzonn ihallas ghall-insurance, permessi u fire engine. Il-Kunsill qabel li dan ir-rekwezit jibqa' fil-kuntratt, izda sta ghad-deskrizzjoni tal-Kunsill jekk jitlobx dan is-servizz jew le.

Is-Sindku Rosianne Cutajar issuggeriet biex tintuza l-istess sistema li intuzat mal-ghaqdiet sportivi fejn dawn jissottomettu proposta tal-attivitajiet ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi issuggerixxa li fil-guidelines tal-attivitajiet ghandu jkun hemm tahrig fis-sahha u s-sigurta, u dwar il-piroteknika ghaliex jemmen li dan ghandu jkun ta' beneficcju komuni ghall-partijiet involuti.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni sabiex ”il-Kunsill jibghat jinforma lill-ghaqdiet tan-nar sabiex jibghatu l-proposti taghhom ghal zewg attivitajiet fis-sena, liema ammont ma jeccediex il-Eur1160 fis-sena ghal kull kamra tan-nar.”

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien (08) Kunsilliera**. Ħadd (0) ivvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva din il-Mozzjoni.**

## 12/06 KORRISPONDENZA

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK ‘F 1-4’**

1. Ittra mill-Kappillan ta’ San Sebastjan fejn informa lill-Kunsill li l-Gvern Centrali kien ser jibda ir-restawr tal-Knisja z-zghira ta’ San Sebastjan fejn hemm bzonn il-permess li jsir scaffolding mad-dawra tal-knisja. Il-Kunsill approva nem.con li ma jsirx hlas ta’ dan il-permess.

2. Ittra dwar talba ghall-bollard fi Triq il-Kbira. Il-Kunsill qabel li jghaddi t-talba lil Transport Malta.

3. Ittra mingħand Kumitat Festi Esterni dwar talba biex l-ispejjez tal-fotografu, tal-mobile toilets, u tindif li sar fl-Springfest 2012 isir mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jhallas l-ispejjez tal-mobile toilets u t-tindif izda ma qabilx li jhallas tal-fotografu ghaliex dan tqabbad f’isimhom wara li l-Kunsill gie mitlub jaghmel dan mill-koordinatur taghhom ta’ din l-attivita’.

4. Petizzjoni dwar talba ta’ traffic calmer fi Triq in-Nassab. Il-Kunsill qabel li ghandu jressaq din il-petizzjoni lill-Kumitat tal-Periferiji sabiex jindikaw ezatt fuq site plan il-proposta taghhom ta’ fejn ghandha ssir din ir-road hump, halli l-Kunsill ikun jista’ jmexxi bil-procedura tas-soltu.

**12/07 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 19 ta' Frar 2013 fil-5:00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-08:15 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2013.
(Jum) (Data) (Xahar)